**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**INFERJURI**

**A. MICALLEF TRIGONA LL. D., EUR (EU LAW)**

Seduta tal-15 ta' Jannar 2002

Avviz Numru 22/00

Henry Rota

vs

Kevin Xerri

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-20 ta' Marzu 2000 li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat, prevja okkorendo d-dikjarazzjoni illi l-konvenut jahti unikament ghall-incident stradali awtomobilistiku li sehh nhar l-20 ta' Dicembru 1999 fi Triq l-Gharb, Victoria, Ghawdex, bejn il-vettura ta' l-attur tal-marka Maruti Jeep bin-numru BAT-743 u dik tal-marka Opel Astra bin-numru KXB-575 misjuqa mill-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, jhallas dawk id-danni kollha sofferti mill-atttur kif likwidati mill-Qorti;

Bl-imghaxijiet skond il-ligi. Il-konvenut jinsab imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn isa qed jigi ingunt.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Marzu 2000.

Ghal finijiet ta' kompetenza gie dikjarat illi d-danni ma jeccedux Lm980.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. li l-pretensjonijiet tal-attur huma assolutament infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi ghall-incident in kwistjoni ma huwiex responsabbli il-konvenut eccipienti izda huwa responsabbli biss l-attur meta ghamel manuvra azzardata u imblokka il-karregjata tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur kif jigi dettaljatament ipprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat li l-konvenut ippresenta kontro-talba fejn qal: li l-attur ftit qabel l-incident kien qieghed bil-vettura wieqfa tieghu jimblokka l-karreggjata tal-konvenut b'mod illi l-konvenut ma setghax jghaddi mill-karregjata tieghu; illi biex jevita l-accident il-konvenut

kellu jghaddi min nofs tat-triq biex jiskapula l-vettura tal-attur; illi l-attur b'mossa ferm azzardata qabad u saq il-vettura tieghu versu l-vettura tal-konvenut;

TALAB li l-Qorti:

(1) tiddikjara lill-attur unikament hati tal-accident in kwistjoni;

(2) tordna lill-attur ihallas l-ispejjez sofferti mill-konvenut kif likwidati mill-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-attur u bl-ingunzjoni ta' l-attur ghas-subizzjoni.

Rat li l-attur irrisponda ghall-kontro talba billi ecepixxa li:

1. preliminarjament ma hux moghti d-dritt lil konvenut li jipprocedi in via rikonvenzjonali kontra l-attur meta si tratta ta' avviz inferjuri;

2. fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal premess l-attur ma jista qatt jinstab hati ta' l-incident de quo stante illi ghal dak l-incident jahti unikament il-konvenut minhabba imperizja, traskuragni grassa u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

3. li dak kollu allegat fil-kontro talba tal-konvenut ma huwiex minnu u huwa biss inveritier kif jigi pruvat waqt is-smigh tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ezaminat il-provi w d-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

Fl-ewwel lok il-Qorti ser tezamina l-ammissibilita tal-kontro-talba proposta mill-konvenut u l-opposizzjoni ghaliha maghmula mill-attur. Il-ligi in materia huwa is-Sub-Titolu 1 li jitratta r-rikonvenzjoni inserit fit-Taqsima 1, Titolu VIII imsejjah "Fuq il-Proceduri Specjali" fil-kodici tal-Organizzazjoni u Procedura Civili, Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Artikolu 396 jipprovdi b'mod generali li l-konvenut jista' jaghmel kontro-talba kontra l-attur. Fl-artikoli li isegwu izda jidher li l-kodici jirrestringi l-fakolta biex issir kontro-talba ghac-citazzjonijiet u meta l-procediment jkun b'rikors. Hekk l-Artikolu 398(1) jipprovdi li "il-konvenut li jkun irid jipproponi r-rikonvenzjoni, ghandu jaghmel il-kontro-talba tieghu fin-nota ta' eccezzjoni, meta l-procedimenti jkunu b'citazzjoni, jew fir-risposta bil-miktub ghar-rikors meta il-procedimenti jkunu b'rikors". Imkien ma hu previst li l-kontro-talba tista' tigi usufruita minn konvenut fi procediment li isir permezz ta' avviz. Quid lex voluit dixit. Kwindi l-kontro-talba tal-konvenut mhiex amissibbli u ser tigi skartata.

Fit-tieni lok u fir-rigward il-mertu, l-kawza titratta incident awtomobilistiku li gara fl-20 ta' Dicembru 1999 fi Triq l-Gharb, Ghawdex, involuti l-vettura tal-marka Maruti Jeep bin-numru ta' registrazzjoni BAT 743 misjuqa mill-attur u vettura tal-marka Opel Astra bin-numru ta' registrazzjoni KXB 575 misjuqa mill-konvenut. Ghal ahjar istruzzjoni tal-kawza l-Qorti zammet access fuq il-lok fejn kien sehh l-incident (ara verbal folio 46) fejn ghamlet apprezzament aktar akkurat tat-triq u t-trejqa li gew indikati u li referenza ghalihom saret fil-kors tax-xhieda mismugha tul il-kawza. Bhala fatt m'hemmx kontestazzjoni li fil-hin tal-incident l-vetturi kienu qeghdin jinsaqu f'direzzjoni opposta ghal xulxin u mill-iskizz (folio 11) jirrisulta li l-kollizjoni sehhet fuq il-parti tat-triq ossija l-karreggjata intiza ghall-attur, cjoe li 'l hemm mill-linja medjana tat-triq fil-karreggjata ta' l-attur. Il-konvenut isostni li l-fattur li kkawza l-incident kienet il-manuvra azzardata tal-attur li jghid imblokkalu t-triq meta hu (l-attur) regga lura minn gewwa trejqa li hemm fil-lok. Din it-Trejqa hija deskritta bhala "Ramp to Farm" fl-iskizz (folio 11) . Da parti tieghu l-attur iddiskriva hekk id-dinamika tal-incident: "..kif irriverssja minn din is-sideroad u hekk kif hrigt kompletament minnha gejt mill-ewwel dritt fil-linja tieghi minghajr ma fl-ebda mument ma qsamt il-linji tan-nofs. Hrigt bil-mod il-mod biex nassigura illi ma jkunux gejjin xi karozzi minn warajha u nahsadhom, ghax isibuni fil-karreggjata taghhom. Kif appena hrigt u bdejt miexi l-quddiem, fil-fatt nghid illi kont imxejt xi ftit metri kif jidher fl-iskizz, nilmah il-vettura ta' Kevin Xerri ta' kulur abjad, gej veloci fid-direzzjoni opposta fil-linja tieghu."

Ikkonsidrat:

Li fl-access li zammet din il-Qorti rrisultalha fic-car kemm li t-trejqa n-kwistjoni minn fejn hareg l-attur ghandha angolazzjoni tali li s-sewwieq anka jekk qieghed hiereg minnha bir-reverse ma ghandux bzonn joltrepassa fit-triq principali, kemm li din t-trejqa hija fuq n-naha minn fejn kien qieghed jittransita l-attur, u kemm il-punt approssimattiv fejn sehh l-impatt ossija cirka fin-nofs bejn l-istabiliment maghruf bhala "Wilderness" u l-imsemmija trejqa dejjem fuq in-naha tal-attur. Mehudin dawn il-fatturi fl-assiem taghhom din il-qorti ma ghandha l-ebda dubbju li l-kollizjoni giet ikkawzata tort unikament tal-konvenut. Hu ghal kollox immaterjali jekk il-vizwali tieghu jew forsi wkoll l-liberu passagg tieghu kien ostakolat minn vettura ta' terzi li kienet ipparkeggjata biswit il-"Wilderness". Apparti li l-karreggjati opposti huma divisi b'zewg linji bojod kontinwi hlief ghal parti zghira faccata tat-trejqa fejn il-linji huma interotti, bla ebda mod ma jista l-attur jigi adossat ir-responsabilita li invece u fic-cirkostanzi ghandha tigi akkolta lill-konvenut minhabba nuqqas ta' attenzjoni fis-sewqan tieghu u velocita eccessiva li fic-cirkostanzi kienet inopportuna.

Fit-tielet lok u stabbilta l-kwistjoni tar-responsabilita il-Qorti ser tghaddi sabiex tillikwida d-danni pretizi mill-attur. F'dan ir-rigward qeghdha taghmel referenza ghad-dokti esebiti mill-attur markati HR2, HR3 u HR4 (folio 49, 50 u 51) u hi l-fehma taghha li tiskarta l-ahhar zewg dokumenti u tistrieh u tadotta dawk kif dikjarati u stmati fir-rapport tas-surveyor (dok. HR2).

Ghalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet tiddecidi li tiddikjara inammissibli l-kontro-talba maghmula mill-konvenut, tiddikjara l-istess konvenut interament u unikament

responsabbli ghall-kollizjoni n-meritu u f’dan is-sens tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta’ disa’ mija u tmenin lira maltin (Lm980) flimkien ma’ l-ispejjes tal-kawza komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali kif mitlub fl-avviz.

(ft.) A.Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-registratur